# Quddiem tfajjel li għadu jitwieled

Il-bogħ'd, il-bogħ'd minn hawn jidwu l-kanuni,
U l-mewt tiġri fuq żiemel bħal miġnuna,
Tgħajjat b'idejha 'l fuq: "ngħaddi ħalluni
Minn fejn il-qlub tal-ġnus m'humiex annuna".

U twaqqa', qisha ġgant, xettri u kuruni,
Iġġarraf bliet, tħallihom bħal mitħuna,
Teqred il-ħrief ġwejdin, teqred l-iljuni:
Kulħadd, taħt dellha, jingħi għall-għajnuna.

'Ma xħin ilbieraħ rajtek fil-benniena,
Tfajjel maħbub, tidħakli kollok ħniena,
Ġo kamra bajda silġ, qisha xammiema,

Jien rajt qawsalla fuq għajnejk ferrieħa
Tagħti lid-dinja din l-aħbar sabiħa:
"Imħabba, serħ u żmenijiet ta' Sliema."

ĠORĠ PISANI

Għawdex.